Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14670/23
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0192(COD)

CODEC 1974
AGRI 647
AGRIFIN 132

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 fir-rigward tal-bdil tan-Network ta' Informazzjoni tal-Kontabilità Agrikola f'Network tad-Data dwar is-Sostenibilità tal-Azjendi Agrikoli **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv<br>= Dikjarazzjoni |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni tissottolinja li huwa kuntrarju għal dak li jgħid ir-Regolament 182/2011 (ĠU L 55 tat-28.2.2011, p. 13) u għall-ispirtu tiegħu li jiġi invokat l-Artikolu 5(4), subparagrafu 2, il-punt b), b'mod sistematiku. Ir-rikors għal din id-dispożizzjoni għandu jwieġeb għal ħtieġa speċifika ta' devjazzjoni mir-regola ta' prinċipju, jiġifieri li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-ebda opinjoni. Peress li din hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita mill-Artikolu 5(4), ir-rikors għas-subparagrafu 2, il-punt b), ma jistax jidher sempliċiment bħala setgħa diskrezzjonali tal-Leġiżlatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod ristrett u għalhekk għandu jiġi ġġustifikat.